MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1677/2002

**Carmel sive Charles Bianco f'ismu proprju
u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Michael Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' hames mija u tlieta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm563.20) rappresentanti l-hlas ta' diversi kambjalijiet mahruga fil-21 ta' Novembru 2000 ghall-ammont ta' Lm56.32 kull wahda pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas ghaxar kambjali li mmaturaw fit-28 ta' kull xahar bejn April 2001 u Frar 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ John Sultana ghan-nom ta’ l-attur proprio et.nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ l-ghaxar kambjali mertu tal-kawza li gew mmarkati bla Dokument MG1 sa MG10.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et.nomine s-somma ta’ hames mija u tlieta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm563.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------